# IL-PREPOSTU MONSINJUR EMMANUEL VELLA

TONY TERRIBILE

Din is-sena, f'din is-sensiela li fiha qed nagħtu tagħrif dwar persunaġġi li l-kwadri tagħhom huma meqjuma fis-sagristija tal-knisja kolleġġjata ta' Birkirkara, hu xieraq li ndawru l-ħarsa tagħna lejn il-pittura li tirrappreżenta lill-Monsinjur Emmanuele Vella li bejn l-1936 u l-1962 kien il-Prepostu ta' din il-Kolleġġjata.



**Pittura tal-Prepostu Vella fis-Sagrestija tal-Bażilika**

Hu xieraq li nagħtu dan it-tagħrif f'din is-sena għal żewġ raġunijitet.

1) Din is-sena jaħbat iċ-ċentinarju tat-twelid ta' Monsinjur Vella;

2) Dan il-Prepostu kien il-mexxej tal-Parroċċa meta din kisbet l-unur ta' Bażilika Minuri

## MIN KIEN IL-PREPOSTU VELLA

Dun Manwel Vella twieled il-Ħamrun fit-13 ta' Ġunju 1900. Hu studja fl-Università ta' Malta u fil-Gregorjana u fl-1925 ġie ordnat saċerdot. Tliet snin wara, l-Arċisqof Mauro Caruana ħatru Kappillan ta' Raħal il-Ġdid. Hawnhekk kellu l-problema li dan il-post hekk kbir kien għadu bla knisja parrokkjali deċenti u għalhekk Dun Manwel, li kien għadu saċerdot żagħżugħ, intefa' b'ruħu u b'ġismu fuq dan il-proġett u, bis-saħħa tiegħu, il-bini mexa ħafna 'l quddiem, b'mod li fi żmienu bdiet tintuża għaċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi.

Fl-1936 inħatar Prepostu ta' Birkirkara. Hawnhekk wera mill-ewwel li kien se jkun tabilħaqq ir-ragħaj it-tajjeb tal-merħla fdata f'idejh. Kien il-missier ta' kulħadd. Fejn kien jara l-faqar kien iħenn u f'dawk iż-żminijiet il-faqar kien jinħass sewwa billi l-għajnuniet soċjali kienu għadhom biss ħolma.

Din il-ħniena lejn il-foqra u l-batuti, il-Prepostu Vella wrieha biċ-ċar

fis-snin tal-gwerra meta Birkirkara mtliet bir-refuġjati. Dawn ukoll sabu fih il-missier ħanin.

Kien saċerdot ta' serjetà kbira u jekk kien meħtieġ li jagħmel ċanfira jagħmilha bla biża' ta' xejn. Kien bniedem ta' prinċipji sodi. Kien iwiddeb u jwissi b'għaqal kbir. Kellu mħabba kbira lejn il-Knisja u lejn is-Saċerdozju. Għalih il-konfessjonarju kien il-meżż li jħabbeb m'Alla lil dawk kollha li kienu joffendu lil Alla. Kellu l-kariżma tal-ħlewwa u tal-persważjoni u għalhekk ressaq lejn Alla bosta erwieħ midinba.

L-għaqal u l-prudenza wriehom meta f'Birkirkara kien hemm inkwiet kbir bejn il-Kapitlu u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi. Kien hu li kkalma l-irjus u wera li kien strument ta' paċi iżda fl-istess ħin wera li hu kien il-mexxej ta' Kolleġġjata qadima, u bil-kelma tiegħu Birkirkara kisbet dak li kien jimmeritaha u jixirqilha.

Il-Prepostu Vella kellu wkoll interess kbir f'dawk iż-żgħażagħ li kienu juru sinjali ta' vokazzjoni reliġjuża u saċerdotali. Kien isegwihom ħafna, jieħu interess fil-formazzjoni spiritwali tagħhom u fuq kollox kien ikun l-ewwel wieħed li jgħinhom fil-problemi tagħhom.

Kienu bosta ż-żgħażagħ Karkariżi li matul il-prepositura ta' Monsinjur Vella (1936-1962) ħaddnu l-ħajja saċerdotali jew reliġjuża. Dawn kollha raw f'Monsinjur Vella l-akbar benefattur u eżempju mill-isbaħ ta' saċerdot konvint mill-vokazzjoni tiegħu.

B'sinjal ta' rikonoxxenza, fl-1962, l-Arċisqof Gonzi ħatru Monsinjur tal-Katidral ta' Malta u aktar tard Dekan u Arċidjaknu ta' l-istess Kapitlu metropolitan li huma l-ogħla żewġ dinjitajiet tal-Katidral.



Miet il-Ħadd 7 ta' Ottubru 1979 wara li kien ilu żmien twil marid.

Skond ix-xewqa tiegħu l-funeral tiegħu sar nhar it-Tnejn 8 ta' Ottubru fil-Bażilika ta' Birkirkara. Minkejja li kien ilu sbatax-il sena nieqes minn din il-Parroċċa, il-Karkariżi ħarġu bi ħġarhom biex jagħtuh l-aħħar tislima. Kien jum ta' luttu kbir madwar ir-raħal.

Il-korteo telaq minn San Pawl għal Sant'Elena u fih ħadu sehem il-monsinjuri tal-Katidral u l-kapitlu ta' Birkirkara. Monsinjur Carmelo Xuereb, il-Vigarju Ġenerali, mexxa l-funeral u l-Quddiesa u miegħu ikkonċelebraw 'il fuq minn sittin saċerdot. Il-knisja kienet fgata bin-nies. Wara l-kant tal-Libera il-kadavru tiegħu ttieħed fil-kappellun tad-Duluri u hemm in-nies daħlet u tagħtu l-aħħar tislima.

L-għada, it-Tlieta 9 ta' Ottubru 1979, sar il-funeral għaċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, fejn indifen fil-qabar tal-familja.

Il-kwadru artistiku f'din is-sagristija huwa tifkira żgħira ta' dan il-Prepostu kbir li għamel l-aqwa ġieħ lil din il-Kolleġġjata u Bażilika ta' Birkirkara.

TONY'S BAR

Richard

jixtieq
lill-Karkariżi kollha
l-Festa t-Tajba

COLOUR & B/W
PHOTOCOPY
SERVICE

CORAL IMAGES

BRARED STR c/w JOHN BORG STR
B'KARA BKR 05 Tel/Fax 444370